**IL-KULLEĠĠ SANTA KLARA**
*Id-Dipartiment tal-Malti tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet Pembroke, tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet Saint Andrews u tal-Iskola Sekondarja tas-Subien Tas-Sliema.*

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

# IL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA

**IT-TIENI SENA**



| IL-MARKI | | |
|---|---|---|
| | Il-Qari | **5** |
| | It-Taħdit | **5** |
| | **IT-TOTAL** | **10** |

**Kummenti:**

__________________________________
__________________________________
__________________________________
__________________________________
__________________________________
__________________________________
__________________________________
__________________________________

## Il-Malti Bħala Lingwa Barranija: Il-Qari u t-Taħdit
## Il-Karta tal-Għalliema
### Il-Marki:10 marki
### Il-Ħin: 10 minuti

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

# IL-QARI

## L-Ewwel Attività (5 marki)

**Aqra din l-ittra u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

Londra,

14 ta' Ġunju, 2013

Għażiża Marija,

Kif int? Nispera li tinsab tajba. Nixtieq ngħidlek prosit li sejra tajjeb fil-*basket ball*. Smajt li se tibda tilgħab ma' Malta. Min jaf kemm huma ferħanin il-mamà u l-papà? Niftakrek meta kont żgħira. Kieku taf kemm kont tifla mqarba! Minkejja dan xorta kont brava f'dan l-isport.

Qed nikteb din l-ittra għax naf ukoll li x-xahar li ġej se tagħlaq sninek. Bħala rigal għal għeluq sninek mhux se nixtrilek *video-games* bħas-soltu. Issa int qed tikber u l-logħob tal-kompjuter huwa għat-tfal iż-żgħar. Wara kollox, naħseb li għandek ħafna *video-games*! Ommok qaltli li tixtieq tmur għal-lezzjonijiet taż-żfin. Għalhekk bħala rigal ċempilt lill-*Break the Dance Company* ħalli tibda tmur titgħallem tiżfen il-*breakdance*. Naf li se ssir tajba ħafna fil-*breakdance* ukoll!

Suppost niġi nara lilek u lill-familja tiegħek fil-bidu ta' Settembru għax bħalissa ma nistax. Ir-raġel tiegħi se jsiefer fuq xogħol fis-sajf u jien irrid ngħallem lit-tfal fi skola tas-sajf. Nibgħatlek bewsa kbira minn Londra.

Dejjem tiegħek,
Iz-zija Frida

**Punti ewlenin (Gwida)**

1. F'liema xahar inkitbet din l-ittra?
2. Min kiteb l-ittra?
3. Lil min inkitbet?
4. Fejn toqgħod iz-zija Frida? Liema pajjiż jiġi?
5. Ma' min se tilgħab Frida issa?
6. Marija kienet tifla bil-għaqal meta kienet żgħira jew le? Issa li kibret, għadha bil-għaqal?
7. F'liema xahar se tagħlaq sninha Marija?
8. Din is-sena minflok *video-games*, x'rigal se tagħtiha lil Marija?
9. Meta se tiġi Malta z-zija Frida?
10. X'inhu x-xogħol taz-zija Frida?

# IT-TAĦDIT

## It-Tieni Attività (2 marki)



**Agħżel bejn Attività Ai u Attività Aii.**

**Attività i. Deskrizzjoni ta' Stampa** **(2 marki)**

Ħares lejn il-ħames stampi pprovduti. Agħżel waħda minnhom u tkellem dwarha.

**Punti ewlenin (Gwida)**
1. Deskrizzjoni tax-xena magħżula;
   - kuluri
   - persuni
   - postijiet
   - staġuni ...

**jew**

**Attività ii. Djalogu** **(2 marki)**

Kompli dan id-djalogu.

**DJALOGU:**

**Huwa s-Sibt filgħaxija u l-ħabib/a tiegħek iċempillek/iċċempillek id-dar.**

**Għalliem/a:** **Kif inti?**

Student/a: Wieġbu billi tgħidlu li tinsab tajjeb/tajba ħafna.

**Għalliem/a:** **Għandek aptit toħroġ magħna llejla, se nkunu jien u sħabi tas-soltu?**

Student/a: Għidlu/Għidilha li hija idea tajba u staqsih/a fejn sejrin.

**Għalliem/a:** **Illejla sejrin naraw film Buġibba.**

Student/a: Għidlu/Għidilha li hija idea tajba ħafna. Staqsih/a liema film se taraw u x'ħin se jibda.

**Għalliem/a:** **Se naraw *Ice Age* u se jibda fit-8.00 ta' filgħaxija.**

Student/a: Għidlu/Għidilha li tajjeb. Sellem.

## It-Tielet Attività (3 marki)



**Attività B. It-Taħdita** **(3 marki)**

Agħżel sitt mistoqsijiet minn dawk misjuba hawn taħt u tkellem ftit dwarhom.

**i. Il-Logħob/L-Isport**



1. X'tippreferi, tilgħab xi sport barra jew tilgħab xi logħba fuq il-kompjuter?
2. Semmi tipi differenti ta' sport.
3. Liema huwa l-isport favorit tiegħek?
4. Tagħmel xi tip ta' sport? Jekk iva liema u għaliex tieħu gost tipprattika dan l-isport?
5. Liema huwa t-tim favorit tiegħek?

**ii. L-Iskola**




6. Iddeskrivi l-iskola tiegħek.
7. Semmi xi attivitajiet li saru fl-iskola tiegħek matul din is-sena.
8. Iddeskrivi l-klassi tiegħek u lil sħabek tal-klassi.
9. Liema hu s-suġġett favorit tiegħek?
10. X'tixtieq issir la tikber?

**iii. Il-Films u Passatempi oħra**



11. Liema hu/huma l-passatemp/i tiegħek?
12. Iddeskrivi ftit għaliex għażilt dan il-passatemp.
13. Tħobb tara films? Jekk iva x'tip ta' films tħobb tara?
14. Liema huwa l-film favorit tiegħek?
15. Għandek xi attur/attriċi favorit/a? Jekk iva, min hu/hi? Għid xi ħaġa żgħira dwaru/dwarha.

**TMIEM IL-KARTA**